MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## LAURENCE QUINTANO

Seduta tat-30 ta' Settembru, 2009

Numru 1181/2006

**Il-Pulizija**
**(Spettur Carmelo Magri)**

**versus**

**Mario Camilleri**

Il-Qorti

1. Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra Mario Camilleri ta' 44 sena bin Spiridione u Mary nee Allegretto mwieled fil-Pieta' fil-21 ta' Mejju 1962 u li fil-preżent residenti fil-Faċilita' Korrettiva ta' Kordin u detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 320862 (M)

Akkużat talli

1. Fid-29 t'Ottubru 2006 għall-ħabta tad-9.35 ta' filgħodu f'dawn il-Gżejjer hedded bil-fomm lil Dottor Angelo Farrugia LL.D. membru tal-Kamra tad-Deputati u persuna

inkarigata skond il-Liġi minn servizz pubbliku waqt li kien qed jagħmel jew minħabba li kien qed jagħmel dan is-servizz, jew bil-ħsieb li jbeżżgħu jew li jinfluwixxi fuqu kontra l-Liġi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz bi ksur tal-artikolu 95(1) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

2. Fl-istess data u ċirkostanzi hedded bil-fomm lil Dott.Angelo Farrugia LL.D., persuna inkarigata skond il-Liġi minn servizz pubbliku u għamillu ordni jew kondizzjoni bi kusr tal-artikolu 249(2) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

3. Fl-istess data u ċirkostanzi ġab ruħu b'mod li kkaġuna lil Dr Angelo Farrugia LL.D. biża' li tintuża vjolenza kontrih jew kontra l-projeta' tiegħu jew konta l-persuna jew il-propjeta' ta' xi ħadd mill-axxendenti, dixxendenti, aħwa subien jew bniet jew xi persuna msemmija fl-artikolu 222(1) meta kien jaf jew messu kien jaf li l-imġiba tiegħu se tikkaġuna lil xi ħaddieħor hekk jibża' bi ksur tal-artikolu 251B tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

4. Fl-istess data u ċirksotanzi f'dawn il-Gżejjer uża xi sistema jew apparat tat-telekommunikazzjonijiet provdut minn provditur awtorizzat u cioe' Maltacom Plc għal xi għan li ma kienx dak li għalih ikun ġie provdut jew naqas milli josserva dawk l-istruzzjonijiet li nħarġu minn provditur awtorizzat għall-użu sew tas-sistema tat-telekomunikazzjonijiet jew tagħmir jew għamel użu minnu mhux sew billi uża kliem li bih hedded lil Dott.Angelo Farrugia LL.D. bi ksur tal-artikolu 35(1)(d) tal-Kap 399 tal-Liġijiet ta' Malta;

5. Talli fit-30 t'Ottubru 2006 għall-ħabta tal-10.00 am fil-bini tal-Qorti fil-Belt Valletta hedded bil-fomm lil Dott.Jose' Herrera LL.D. membru tal-kamra tad-deputati u persuna nkarigata skond il-Liġi minn servizz pubbliku waqt li jkun jagħmel jew minħabba li jkun qed jagħmel dan is-servizz, jew bil-ħsieb li jbeżżgħu jew li jinfluwixxi fuqu kontra l-Liġi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz bi ksur tal-artikolu 95(1) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

6. Fl-istess data u ċirkostanzi hedded bil-fomm lil Dott.Jose’ Herrera persuna inkarigata skond il-Liġi minn servizz pubbliku u għamillu ordni jew kondizzjoni bi kusr tal-artikolu 249(2) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta’ Malta;

7. Fl-istess data u ċirkostanzi ġab ruħu b’mod li kkaġuna lil Dr Jose’ Herrera LL.D. biża’ li tintuża vjolenza kontrih jew kontra l-projeta’ tiegħu jew konta l-persuna jew il-propjeta’ ta’ xi ħadd mill-axxendenti, dixxendenti, aħwa subien jew bniet jew xi persuna msemmija fl-artikolu 222(1) meta kien jaf jew messu kien jaf li l-imġiba tiegħu se tikkaġuna lil xi ħaddieħor hekk jibża’ bi ksur tal-artikolu 251B tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta’ Malta;

8. U finalment talli fl-istess dati u ċirksotanzi sar reċidiv ai termini tal-artikoli 49, 50 u 51 tal-Liġijiet ta’ Malta.

2. Rat l-atti kollha tal-porċess inkluż iċ-ċertifikat tat-twelid tal-imputat li jġib in-numru 1208 tal-1962, il-fedina penali tiegħu a fol 4 et seq, it-tweġiba tal-imputat li hu ma kienx ħati, il-kunsens tal-imputat u dak tal-Avukat Ġenerali sabiex dawn il-proċeduri jkunu sommarji (fol 16 u 17), il-ħatra tas-sur Martin Bajada bħal espert sabiex jagħmel traskrizzjoni tat-telefonata reġistrata, id-dikjarazzjoni tad-difiża li biha eżentat lill-Prosekuzzjoni milli ttella’ jixhed lil PS 959 Winston Micallef, l-istqarrija tal-imputat a fol. 23, l-ittra tal-kwerelant Dr.Angelo Farrugia (fol 25), il-call commander call log (a fol 44 u 45), is-CD a fol 51, id-dikjarazzjoni li biha d-difiża eżentat lill-Prosekuzzjoni milli ttella’ x-xhieda tal-identita’ tas-sentenza ppreżentata (fol 57), id-dokument Mb li fih traskrizzjoni tat-telefonata, il-verbal li fih kien dikjarat li l-Qorti semgħet it-telefonata seduta stante (fol 31), id-dokument AB a fol 96 u 97, u 100, id-dikjarazzjoni mill-Prosekuzzjoni li hija kienet għalqet il-provi (fol 107) (10 ta’ Jannar 2007), in-Nota ta’ sottomissjonijiet tal-Prosekuzzjoni (fol 116) u d-dikjarazzjoni tad-difiża li ma kienx hemm għalfejn tippreżenta nota responsiva (fol 122).

3. Semgħet ix-xhieda bil-ġurament.

4. Semgħet it-trattazzjoni tal-abbli Prosekutur u tal-abbli Difensur.
Ikkonsidrat

5. Illi mix-xhieda tal-Ispettur Carmelo Magri jirriżulta li huwa investiga dan il-każ wara li kien sarlu rapport verbali mill-Avukat Dr Angelo Farrugia u mill-Avukat Jose' Herrera li kienu rċevew xi minaċċi verbali minn għand l-imputat. (Fol 18). Dr Farrugia kien irċieva telefonata u għaraf leħen l-imputat. It-telefonata saret ftit wara li Dr Farrugia kien tkellem dwar għoti ta' kuntratt ta' tindif fil-Qorti lid-ditta Special Cleaners li huma familjari mal-imputat. Dr.Farrugia qal li t-telefonata kien intenzjonata biex tintimidah. Dr Farrugia kien qata' t-telefonata ħesrem biex ma jagħtix ċans lill-imputat jintimidah.

6. Min-naħa l-oħra waqt li Dr Jose' Herrera kien fl-Awla tal-Qorti Kriminali fit-30 t'Ottubru 2006, l-imputat beda jgħaddi xi rimarki u jiġbed l-attenzjoni tal-istess Avukat iżda l-Avukat ipprova ma jagħtix kasu. Biss, f'ħin minnhom, l-Avukat Herrera tant iddejjaq bil-kliem li kien qed jgħid l-imputat li telaq 'il barra. Huwa u ħiereġ bilfors kellu jieqaf ħdejn l-imputat li qallu biex joqgħod attent meta jagħmel domandi parlamentari għaliex 'inpattihielek.'Dr Herrera ħass li din kienet theddid serja u ma setax ikompli bix-xogħol tiegħu fl-Awla. Dr.Roberto Montalto sema' lill-imputat jgħid lil Dr Herrera li kien baqa' biss xahrejn. Lil Dr Herrera rah ħiereġ 'il barra mifxul. (fol 20).

7. L-imputat kien innega li hedded liż-żewġ avukati.

**<u>L-istqarrija ta' l-imputat</u>**

8. Fit-3 ta' Novembru 2006 l-imputat kien ħalla stqarrija fl-uffiċċju ta' l-Ispettur Carmelo Magri. Hu qal li ma kien hedded lil ħadd u lil Dr Angelo Farrugia kien qallu

*'Jiena Mario Camilleri. Tfal għandi, tweġġgħunix iktar' (fol 23).*

9. Huwa nnega wkoll li kien hedded lil Dr. Jose Herrera. Fil-fatt hu kien qallu ‘hemm il-mara warajja, urieha fejn hu l-monti ħalli tirhan id-deheb ħalli jkollha biex titma’ lit-tfal.’

10. Huwa kien mgħarrafistoqsi li Dr Jose Herrera fil-fatt kien qal li l-imputat qallu

*‘Oqgħod attent meta tagħmel domandi parlamentari u ma ssemmix lili jew lill-familjari tiegħi għax inpattihielek.’ (fol 24).*

11. L-imputat wieġeb li ma kienx qallu hekk. Hu qal ukoll li kien ċempel lil Dr Angelo Farrugia għax kien sema’ l-aħbarijiet fuq is-Super One u lil Dr Angelo Farrugia kien qal li mhux sewwa li l-familja ta’ l-imputat ħadet it-tender tat-tindif tal-Qorti. L-imputat qal li kien offiż b’dawk il-kliem. Hu ċempel lil Dr Farrugia u ma offendiehx. Ried biss jgħidlu biex iħalli lilu (lill-imputat) u lill-familja tiegħu bil-kwiet.

12. Huwa reġa’ nnega li hedded lil Dr Jose Herrera. Huwa kien kellmu għax semma lilu u lill-familja tiegħu fil-Parlament u b’dak li qal waqqfulu l-familja milli tkompli taħdem fil-Qorti. Għalhekk kien qallu biex jgħid lill-mara fejn kien il-monti sabiex tirhan id-deheb biex titma’ lit-tfal. Huwa nnega li kien qallu ‘xahrejn biss fadal.’

**Provi oħra tal-Prosekuzzjoni**

13. A fol 25 tal-proċess hemm il-kwerela mibgħuta mill-Onorevoli Dr Anglu Farrugia lill-Kummissarju tal-Pulizija. Huwa qal li kien tkellem fil-pubbliku dwar l-għoti tat-tindif fil-Qorti u hu kien rċieva t-telefonata fuq il-mobile tiegħu 7943 3748. Fil-kwerela Dr Farrugia kien qal ukoll li għaraf lill-imputat minn leħnu tant li indirizzah bħala ‘Mario’ u kellmu b’ċertu ton għax kien qed jitkellem Dr Anglu Farrugia dwar il-kuntratt mogħti mill-Qorti. Dr. Farrugia ma kien kellmu assolutament xejn u wara li kompla xi diskors wara Dr. Anglu Farrugia kien qabad u qata’. Dr Farrugia qal li dan ċempel biex jheddu fix-xogħol pubbliku u b’dover bħala rappreżentant tal-poplu. Huwa kien qed

jagħmel din il-kwerela fil-kapaċita tiegħu parlamentari iktar bħala *shadow minister for justice* tal-partit Laburista.

14. Ma' din il-kwerela kien hemm ukoll x'qal Dr Farrugia (ara fol 26).

**Xhieda Dr.Jose' Herrera**

15. Xehed Dr Jose Herrera a fol 27 et u qal illi l-inċident ġara fit-30 ta' Ottubru 2006 għall-ħabta ta' 10.00am waqt li kien il-Qorti quddiem l-Imħallef Dr Galea Debono. Dr Herrera qal li hu kien għamel mistoqsija parlamentari dwar kuntratt għat-tindif tal-Qorti. Meta għamel id-domanda ma kienx jaf li l-kuntratt kien ngħata lill-familja ta' Mario Camilleri.

16. Qabel ma kien hemm ir-risposta għall-mistoqsija parlamentari, ix-xhud kien rċieva komunika li l-kuntratt kien ngħata lill-kumpanija li tappartjeni lill-familja Camilleri u li minħabba d-domanda tiegħu n-nies involuti kienu infurmati li l-kuntratt kien spiċċa (fol 30).

17. L-istess xhud qal li hu propjament mhux rrabjat għall-familja Camilleri jew għall-imputat per se, kien rrabjat għal min mar jgħid lilhom li huma tilfu l-kuntratt u tkeċċew mix-xogħol għax hu (Dr Herrera) kien għamel domanda parlamentari.

18. Meta kien qiegħed fl-awla l-imputat kien għadda xi kummenti. F'dak il-mument ix-xhud qal **li ma kienx qed jisma'** pero' beda jisma' kumment wieħed wara l-ieħor u ddejjaq u beda jħossu skomdu. Waqt li l-avukat Herrera kien ħiereġ, sejjaħlu l-imputat Mario Camilleri li kien mgħowwi għalih u qallu isma', jiena ftit baqagħli l-ħabs u speċi qtiltli l-familja bil-ġuħ u kliem fis-sens li jrid ipatti għal dak li x-xhud kien għamel. Ix-xhud kkjarifika iktar fuq talba tal-Qorti u qal il-kliem kien speċi ta:

**'Oqgħod attent għax jiena daqt ħiereġ mill-ħabs, fis-sens illi, dak kien il-kliem li qalli eżatt.'**

19. Ix-xhud qal li kien ħatfu lill-imputat u telaq ‘l hemm. Ix-xhud kompla qal li wara kienu tkellmu kemm hu u kif wkoll Dr Anglu Farrugia u Dr Gavin Gulia dwar xi theddid li kien sar. Fil-fatt Dr Gavin Gulia kien qal li kien ġralu l-istess xi snin qabel. Sar jaf il-grupp parlamentari laburista li ħareġ stqarrija dwar dan l-allegat theddid (fol 32).

20. Ix-xhud qal li kien sodisfatt b’dik l-istqarrija għaliex qal li dan it-theddid huwa ħazin u għandu jkun hemm iktar protezzjoni mis-sedja u mill-ispeaker u mill-gvern. Il-gvern ghandu jkun iktar sensittiv meta jkun hemm domanda parlamentari.

21. Ix-xhud qal ukoll li wara dan l-inċident ma kellux għalfejn jibqa’ jibża’ minn xi intimidazzjoni mill-imputat. Xi familjari ta’ l-imputat qalu li jekk kien hemm xi inċident dan kien fil-‘furia di sangue’ u speċi l-imputat ma kellu ebda intenzjoni li jagħmillu xi ħsara partikolari. Dan qaluh lix-xhud membri tal-familja ta’ l-imputat.

**22. Ix-xhud qal illi din kienet skuża bil-pulit u ix-xhud qal li m’għandu xejn personali kontra l-familja ta’ Camilleri. U għalhekk deherlu li fiċ-ċirkostanzi ma kellux jagħmel rapport fil-konfront ta’ Camilleri**. Iżda qal li kieku ma sarx dan l-avviċinament indirett jaħseb li kien jagħmel rapport. Meta mistoqsi jispjega x’kien sema’, hu qal li kliem kien fis-sens li ma tantx kien baqagħlu ġewwa l-ħabs u ħafna ‘mumbling.’ Ix-xhud sema’ ismu jissemma u beda jħossu jiddejjaq għax tpoġġa f’sitwazzjoni antipatika. Hu u ħiereġ, il-messaġġ kien ċar li l-imputat kien rrabjat għalih u li deher illi kien propja dan ix-xhud li tellfu il-kuntratt tat-tindif tal-Qorti lill-membri tal-familja tiegħu. U meta joħroġ jiġi għas-sodisfazzjon, għall inqas kif fehem dan ix-xhud (fol 35).

**Xhieda ta’ Dr Robert Montalto.**

23. Xehed ukoll Dr Robert Montalto li qal li kienu qed jistennew it-turn tagħhom biex jagħmlu s-sottomissjonijiet f’kawża li kellhom. Kien dan ix-xhud li daħal qabel Dr Jose Herrera li pero’ malli daħal, Dr Herrera kien moħħu biex jitlaq immedjatament u beda jgħidlu ma nistax nibqa’,

ħa jkolli mmur, ara xi ġrali, għandi division fil-parlament. Sema’ lill-imputat jgħid xi kliem fis-sens li xahrejn kull ma fadal. Wara Dr Herrera ddeċieda li jitlaq u ra lill-imputat jagħmillu ġest biex jiġbed l-attenzjoni tiegħu. Dr Herrera waqaf eżatt wara l-iżbarra u l-imputat qal xi ħaġa lil Dr Herrera li x-xhud ma semax għax qalhielu f’widnejh. Biss jiftakar lil Dr Herrera jistira lura u jgħidlu ‘jiena m’għandix x’naqsam’ u telaq ‘l barra bil-pass mgħaġġel. U hemm hekk għat-tieni darba sema’ lil Mario Camilleri jgħid ‘kull ma fadal xahrejn.’

24. Dr Herrera kien qal lix-xhud dwar il-mistoqsija li għamel fil-parlament rigward it-tindif fil-Qorti. Imbgħad qallu ara x’ħareġ minn din id-domanda li għamilt (fol 39 u 40). Dr Herrera li kien qiegħed fl-awla kien jidher skomdu ħafna (fol 40). Huwa kompla jgħid illi Dr Herrera meta kien għamel id-domanda ma kienx jaf id-dettalji.

**Xhieda PS 276 Bernard Zahra**

25. PS 276 Bernard Zahra ppreżenta recording tat-telefonata u l-karti ta’ magħha li huma il-print out li toħroġ mill-magna li tagħmel ir-recording. Ir-recording ħarġu f’Division 5. Huwa spjega li meta priġunier jagħmel telefonata tiġi reġistrata fuq karta apposta u tiġi recorded telefonata fuq ir-recording system tal-ħabs. Hemm il-ħinijiet x’ħin talab it-telefonata l-inmate Mario Camilleri u x’ħin saret it-telefonata jaqblu u l-vuċi hija tiegħu.

26. Id-dokument a fol 44 juri Division 5 fid-29 ta’ Ottubru 2006, il-ħin huwa 9:33:33 u din it-telefonata damet 41 sekonda. Fil-fatt id-dokument huwa magħruf bħala call commander call log.

27. Id-dokument ta’ wara juri number 1 cell 2 of 5, name of resident Mario Camilleri, time 9:31.

**Xhieda ta’ Dr.Angelo Farrugia**

28. Xehed Dr Angelo Farrugia li qal li hu kelliem ewlieni tal-ġustizzja u fejn ta konferenza fejn talab għar-riżenja tal-Ministri Tonio Borg u s-Segretarju Parlamentari Carmelo Mifsud Bonnici fuq il-kwistjoni tat-tender tat-tindif tal-Qorti fejn kienu involuti it-tifel ta' l-akkużat u l-familjari ta' l-akkużat. Din kienet xi ħaġa li taqa' fil-funzjoni tiegħu bħala parlamentari. U ħarġet fl-aħbarijiet tas-Super One. Kien il-Ħadd filgħodu bejn 9.30am u 9.45am meta rċieva it-telefonata. Il-persuna qalet li hija Mario. Ix-xhud għaraf leħen l-imputat mill-ewwel u staqsieh x'għandu bżonn. Ix-xhud qal li mill-ewwel fehem li l-imputat kien qed jibgħat messaġġ għall-fatt li hu, jiġifieri x-xhud, kien tkellem u kien mexxa dan il-kaz tal-kuntratt tat-tindif tal-Qorti. Ix-xhud qal li sema' diskors li hu ħadu forma ta' theddid u l-messaġġ kien ċar li t-theddid kien fil-konfront tiegħu u li qatt ma kien jistenna. Ix-xhud qal li kellu esperjenza kemm bħala ex-uffiċjal tal-pulizija u kif wkoll bħala deputat kif isir it-theddid.

29. Ix-xhud qal li ma kellimx lill-imputat, kien semgħu biss u qatagħlu t-telefonata.

30. Kien hawn hekk li kien kellem lill-grupp parlamentari u skopra li kellu xi inċident simili l-Onorevoli Gavin Gulia. Illi milli jidher kien taħt theddid mill-imputat fuq affarijiet oħra meta tkellem fil-kompetenza tiegħu bħala parlamentari meta Dr Gulia kien shadow minister tal-ġustizzja. Kien għal hekk li ħarġet stqarrija li kienet konġunta .

31. Dr.Farrugia kompla jgħid li l-imputat mhux klijent tiegħu u ma kellux għalfejn ikellmu fuq il-kuntratt ta' l-għoti tat-tindif lil din il-kumpanija li l-imputat ċertament għandu interess fiha. Hawn hekk żied jgħid Dr Anglu Farrugia, 'Il-mod kif kellimni, kellimni ċar u tond that he means business. U jiena ħadtha bħala theddida.' Dr Anglu Farrugia kkonferma li kien kiteb lill-Kummissarju tal-Pulizija dak li llum jidher bħala Dok CM2. Huwa ppreċiża wkoll li d-data hija 29 ta' Ottubru.

**Xhieda PS 1211 Richard Zammit**

32. Xehed PS 1211 Richard Zammit li ppreżenta sentenza fl-ismijiet ‘Repubblika ta’ Malta vs Mario Camilleri’ datata 5 ta’ Lulju 2002 u li fiha l-imputat kien weħel 12-il sena priġunerija.

**Xhieda tas-sur Martin Bajada**

33. Xehed Martin Bajada li kien maħtur mill-Qorti sabiex jagħmel traskrizzjoni tas-CD ppreżentata fil-process bħala Dok ECD.  Huwa qal illi fit-telefonata l-ewwel kien hemm dialling tone, jinstema’ l-operator jghid ‘dial the telephone number now.’

34. Ikompli id-dialling.  Hemm ringing tone

35. L-ewwel persuna tgħid ‘Hello’

36. It-tieni persuna tgħid ‘Hello Dr Farrugia?  Mario dott jien. Għaliex qed tagħmilli l-ħsara dott?  Lanqas nobsorha minnek.’

37. Imbagħad l-operator jgħid ‘The person you have called has hung up.’  (fol 73)

38. L-istess xhud identifika li P1 huwa il-persuna li qal ‘Hello’ u il-P2 bħala l-persuna li qalet ‘Hello Dr Farrugia? Mario dott jien. Għaliex qed tagħmilli l-ħsara dott?  Lanqas nobsorha minnek.’

39. Il-persuna bħala P1 kienet il-persuna li qatgħet it-telefonata.

40. Is-sentenza li ssemmiet preċedenti kienet ppreżentata wkoll mill-Ispettur Carmelo Magri a fol 88.

***41. A fol 91 tal-proċess hemm fir-records li l-Qorti semgħet ir-reġistrazzjoni tat-telefonata, seduta stante, fil-presenza ta’ l-imputat, tad-difiża u tal-prosekuzzjoni.***

**Xhieda rappreżentant tal-Mobile Communications Ltd.**

42. Xehed rappreżentant tal-Mobile Communications Ltd magħrufa bħala Go Mobile. Hu intalab jgħid fuq min hi reġistrata l-linja 7943 3748. Il-linja fuq il-kuntratt hija registrata f'isem Mr Angelo Farrugia u hu ssottometta wkoll l-incoming calls li daħlu fuq din il-linja fid-29 ta' Ottubru 2006 bejn id-9.00am u 11.00am.

43. A fol 97 jidhru l-incoming calls fuq in-numru 7943 3748 fid-29 ta' Ottubru bejn id-9:14:29 u l-10:38:51. Jidher li dik tad-9:25:46 kien meta saret telefonata minn 21432163 u din damet 55 sekonda.

**Xhieda ta' Charmaine Galea Triganza**

44. Xehdet ukoll Charmaine Galea Triganza in rapprezentanza tal-Maltacom li bil-ġurament qalet li kienet intalbet tagħmel riċerka jekk fit-29 ta' Ottubru 2006 bejn id-9.00am u 11.00am kienx hemm telefonati minn 21896016 għal 7943 3748. Hija sabet telefonata waħda. Dwar it-21896016 dan hu card phone ġewwa l-Faċilita Korrettiva ta' Kordin. Ir-record tagħha jidher a fol 100 u jidher li l-hin kien 9:32:29 tad-29 ta' Ottubru 2006. It-telefonata saret minn 21896096 ghal 7943 3748.

45. Xehed Dr Angelo Farrugia li qal li n-numru 7943 3748 huwa tieghu.

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

**Punti Legali**

**Il-Qorti ser tittratta 4 punti legali li huma relevanti għall-każ odjern.**

**L-ewwel Punt: Jekk Membru tal-Parlament hux uffiċjal pubbliku ai termini tal-artikolu 92 tal-Kap 9.**

46. L-ewwel punt legali huwa jekk iż-żewġ Avukati li allegatament kienu minaċċjati jistgħux jitqiesu uffiċjali pubbliċi ai termini tal-artikolu 92 tal-Kap 9. Dan l-artikolu jgħid hekk:

*'L-espressjoni ġenerali 'uffiċjal pubbliku' tinkludi mhux biss l-awtoritajiet kostitwiti, ċivili u militari, iżda wkoll dawk il-persuni l-oħra li huma legalment maħtura sabiex jamminstraw kwalunkwe parti tal-poter esekuttiv tal-Gvern, jew biex jagħmlu xi servizz pubbliku ieħor impost b'liġi, kemm jekk ġudizzjarju, amministrattiv jew taħlita ta' dawn it-tnejn.'*

47. Il-Prosekuzzjoni argumentat fin-Nota ta' sottomissjonijiet tagħha li Dr Farrugia u Dr Herrera, bħal Membri Parlamentari huma uffiċjali pubbliċi.

48. Il-Qorti ma taqbilx ma' din is-sottomissjoni. Ħarsa lejn id-definizzjoni mill-ewwel turik li, għalkemm din mhix waħda 'exhaustive' għax tuża l-kelma 'tinkludi' m'hija b'ebda mod intiża sabiex tkopri x-xogħol tal-Membri Parlamentari. Membri Parlamentari, partikolarment dawk li mhumiex Ministri, ma jagħmlu ebda xogħol ġudizzjarju jew amministrattiv jew xi taħlita ta' dawn it-tnejn. Jekk qabel kienu jgħarblu każ u setgħu jibagħtu persuna sservi xi perjodu ta' priġunerija, dan kollu sfuma bid-deċiżjoni 'Demicoli vs Malta' fejn saħansitra kellhom isiru emendi fil-Kap dwar il-Privileġġi tal-Kmara tar-Rappreżentanti' (Kap 113).

49. Il-Membri Parlamentari mhumiex impjegati mal-Gvern sabiex jagħmlu xogħol assenjat lilhom bħalma huma l-uffiċjali tad-dwana, tat-taxxa, tal-pulizija, l-għalliema, in-nurses, it-tobba fl-isptarijiet u ħafna ħaddiema oħra li jirċievu salarju biex iwettqu d-dmirijiet tagħhom kemm amministrattivi jew ġudizzjarji. Il-Membri Parlamentari m'għamlu ebda interview jew eżami biex qed iwettqu dmirhom fil-Parlament. (Ara l-artikolu 110(6) tal-Kostituzzjoni).

50. Barra dan, skond l-artikolu 124(1) tal-Kostituzzjoni l-espressjoni 'public office' għandha t-tifsira:

‘an office of emolument in the public service’

U l-espressjoni ‘public officer’ għandha t-tifsira:

‘the holder of any public office or a person appointed to act in any such office.’

51. Skond l-istess artikolu, l-espressjoni ‘servizz pubbliku’ tfisser servizz mal-Gvern ta’ Malta f’kapaċita’ ċivili.’

52. Fit-tieni subinċiż tal-istess artikolu, ‘l-espressjoni ‘servizz pubbliku’ tinkludi Imħallef fil-Qrati Superjuri, Maġistrat fil-Qorti Inferjuri u Membru tal-Malta Police Force.’

53. Imkien f’dawn id-definizzjonijiet ma hemm l-iċken ħjiel li Membru Parlamentari jista’ jitqies bħala ‘public officer’ ai termini tal-artikolu 92 tal-Kap 9.

54. Mhux eskluż li Membru Parlamentari jkun jaħdem fis-servizz ċivili ***qabel*** ma beda jiffunzjoni bħala Membru Parlamentari. Għal dawn il-Membri sar arranġament speċjali taħt il-Kap 472 (Members of Parliament) (Public Employment). Fil-fatt il-partijiet relevanti ta’ dan il-Kap ta’ paġina waħda qed ikunu riprodotti biex wieħed ikollu r-referenza f’idejh huwa u jaqra din is-sentenza.

55. Jekk wieħed iqis Membru Parlamentari bħala Uffiċjal Pubbliku kwalunkwe, ikun qiegħed imur kontra d-dottrini ewlenin tal-Kostituzzjoni li huma dik tas-separazzjoni tal-poteri u tar-‘rule of law’.

56. Il-Membru Parlamentari għandu privileġġ speċjali li jista’ jitkellem fil-Kamra tar-Rappreżentanti bl-ikbar liberta’, jista’ jikkritika l-atti kollha tal-esekuttiv u jista’ ma jaqbilx mal-policy tal-gvern tal-ġurnata. Huwa jittella’ mill-poplu u jirrappreżenta lill-votanti li tellgħuh.

57. Mhux dan huwa l-‘uffiċjal pubbliku’ tal-artikolu 92 li huwa marbut b’lealta’ lejn il-policies tal-gvern tal-ġurnata u

jrid jattwahom jaqbel u ma jaqbilx magħhom. Dan mhux maħtur mill-poplu u ma jirrappreżenta lil ħadd.

**58. Għaldaqstant il-Qorti qed tiddeċiedi li l-artikolu 92 tal-Kap 9 ma japplikax għax-xogħol tal-Membri Parlamentari. Konsegwentement qed tillibera lill-imputat minn dawk l-imputazzjonijiet kollha li fihom għandhom bħala wieħed mill-elementi l-preżenza ta' uffiċjal pubbliku. Dawn huma l-ewwel imputazzjoni, it-tieni imputazzjoni, il-ħames imputazzjoni u s-sitt imputazzjoni. (Ara wkoll il-paragrafu 89). Dwar it-tieni u is-sitt imputazzjoni, l-element ta' ufficjal pubbliku ddahhal mill-Prosekuzzjoni ghaliex it-test tal-Ligi ma jsemmix il-kliem 'ufficjal pubbliku)**

59. Il-Membri Parlamentari huma protetti bil-Kap 113 – House of Representatives (Privileges and Powers) Ordinance (ara b'mod partkiolari l-artikolu 11(4)(d)(e) riprodott hawn taħt u bl-artikoli 249, 251(b) u 339(1)(e) tal-Kap 9.

**It-tieni punt legali: Minaċċi u theddid**

60. Skond il-ġurisprudenza (ara sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali (Inferjuri) tas-7 ta' Lulju 1995 fl-ismijiet 'Il-Pulizija versus Joseph Frendo' it-theddid ifisser li aġent ikun qed jippospetta lil persuna oħra ħsara inġusta.

*'Il-Qorti hi soddisfatta li bid-diskors li qal l-appellant lil John Casa ……u speċjalment bil-mod kif intqal dan id-diskors u bil-ġesti li akkumpunjaw l-istess diskors, l-appellant kien qiegħed effettivament jhedded lill-imsemmi Casa. Fil-kuntest tal-artikolu 339(1)(e) tal-Kap 9, theddid tfisser li l-aġent jipprospetta lil persuna oħra ħsara inġusta fil-futur (ħsara li pero' ma tkunx tammonta għal reat ieħor ikkontemplat band'oħra fil-kodiċi , e.ż. l-artikolu 249) liema ħsara tkun ukoll ipprospettata li tiddependi mill-volonta' tal-istess aġent.'*

61. F'sentenza oħra mogħtija mill-istess Qorti iżda diversament preseduta ntqal hekk:

*‘Meta bniedem, wara kwistjoni li kellu ma ieħor, jieħu atteġġjament li jħalli fl-istanti l-impressjoni li hu qiegħed ilesti ruħu għall-ġlied, dak l-attaġġjament jammonta għal minaċċja reali u verbali.’ (L-Imħallef Dr.W.Harding ’Karmenu Cutajar versus Pawlu Cassar.’ 25 ta’ Ġunju 1952.*

62. Ingħad ukoll li minaċċja ma titlifx mis-serjeta’ tagħha billi tkun kundizzjonata. (Ara: Stella Bugeja vs Rosina Bugeja tal-31 ta’ Jannar 1949).

63. Min-naħa l-oħra l-Antolisei jgħid dan li ġej dwar il-minaccja:

*‘ e’ sufficiente che la minaccia sia tale da turbare la tranquillita’ delle persone a cui e’ rivolta, come nel caso che taluno dica ad un altro ‘ti faro’ vedere di che cosa sono capace..’ Antolisei F. (1986) Manuale di Diritto Penale – Parte Speciale’ (Milano Giuffre).*

**64. Għall-iskopijiet tal-artikolu 339(1)(e) hemm il-ħtieġa tal-kwerela skond l-artikolu 339(2) tal-Kap 9.**

**65. Dwar dan il-punt legali, il-Qorti qed tqis li l-artikolu 251B tal-Kap 9 li kien introdott fis-sena 2005 beda x-xena konsiderevolment għaliex issa, barra l-artikolu 249, kien introdott artikolu ieħor – dak 251B. L-artikolu 251B huwa ħafna aktar wiesgħa fil-portata tiegħu mill-artikolu 249. L-artikolu 339(1)(e) japplika biss jekk t-theddid ma jkunx kopert b’xi artikolu ieħor fil-Kap 9.**

**It-Tielet Punt Legali - L-Artikolu 251B tal-Kap 9.**

66. It-tielet punt legali huwa dwar l-elementi tal-artikolu 251B tal-Kap 9. L-elementi ta’ dan l-artikolu huma:

(a) imġiba ta’ persuna;
(b) li ġġiegħel lil xi persuna oħra li tibża’;
(ċ) li ser ikun hemm vjolenza kontra l-persuna jew il-propjeta’ tiegħu jew il-persuna jew il-propjeta’ tal-

axxendenti, dixxendenti, aħwa subien u bniet **jew** kontra xi persuna msemmija fl-artikolu 222(1) li tinkludi lill-mara u lir-raġel, il-misseir jew l-omm naturali, xhud jew espert minħabba li jkun xehed jew ta opinjoni, jew tifel taħt id-9 snin jew kien uffiċjal pubbliku jew persuna li għandha twettaq doveri pubbliċi jew impjegat ta' dody corporate stabbilit b'liġi;
(d) li l-imputat jaf jew għandu jkun jaf li l-imġiba tiegħu ser tnissel biża' fil-persuna partikolari.

67. Fi ftit kliem l-ewwel element huwa l-imġiba – kelma li tmur oltre kliem biss u għalhekk tinkludi ġesti, ton, qbid ta' arma jew xi oġġett bħala arma.

68. It-tieni l-persuna passiva – tkun min tkun – titnissel fiha biża''

69. It-tielet element huwa li dan il-biża' jista' jkun kontra l-persuna passiva jew il-propjeta' tagħha jew ta' ta' dawk li jiġu minnha mill-qrib jew persuni oħra li jkun aġenti passive minħabba ir-rwol tagħhom.

70. L-imputat ikun jaf jew missu kien jaf li l-imġiba tiegħu ser tnissel biża' fil-persuna passive.

71. L-artikolu 251B, introdott peremzz tal-Att XX tas-sena 2005, jirreferi għal kull persuna. Għalhekk jekk il-Membru Parlamentari ma jaqax taħt l-artikolu 222(1)(b) u (ċ) jew taħt id-definizzjoni ta' 'uffiċjal pubbliku' skodn la-rtikolu 92 tal-Kap 9 huwa xorta inkluż taħt il-kelma ġenerika 'persuna' li tidher fil-bidu tal-artikolu u li ma tiddistingwix. **Għal dan l-artikolu m'hemmx bżonn tal-kwerela.**

**Ir-Raba' Punt Legali – Użu ta' apparat tat-telekomunikazzjoni**

72. Fir-raba' imputazzjoni kontra l-imputat, il-Prosekuzzjoni rreferiet għall-provvedimenti tal-artikolu 35(1)(D) tal-Kap 309 tal-Liġijiet ta' Malta. Iżda dan l-artikolu diġa' kien is-suġġett ta' analiżi akkurata mill-Qorti

tal-Appell Kriminali u kien deċiż lid an l-artikolu am jolqotx xi konverżazzjoni li biha wieħed ikun imminaċċja lil ħadd ieħor. Huwa intiż biss sabiex irażżan l-użu ta' xi apparat tat-telekomunikazzjoni li ma jintużax skond il-kondizzjonijiet tal-liċenzja mogħtija qabel ma l-apparat jibda jintuża.

**Kwistjonijiet ta' Fatt.**

73. Il-Qorti għandha żewġ settijiet ta' fatti: wieħed jikkonċerna lil Dr.Angelo Farrugia u l-ieħor lil Dr.Jose' Herrera.

74. Dr.Angelo Farrugia xehed dwar it-telefonata li allegatament saret mill-imputat. Il-Qorti hija soddisfatta li hemm provi biżżejjed li juru li din itg-telefonata tassew saret mill-imputat.

75. It-tieni, il-Qorti għandha t-test ta' dak li ntqal fit-telefonata u semgħet it-telefoanta fl-Awla għal aktar minn darba.

76. Minn din it-telefonata jirriżultaw li l-imputat qal il-kliem:

*'Mario, dott, jien. Għaliex qed tagħmilli l-ħsara dot, lanqas nobsorha minnek.'*

77. Minn dawn il-11-il kelma, ebda waħda minnhom ma fiha xi theddida. Iżda l-Qorti wiżnet ukoll it-ton, il-ġesti u l-kuntest.

78. Dwar it-ton, il-Qorti, wara li semgħet it-telefonata tajjeb, ikkonkludiet li t-ton tal-imputat kien ta' wieħed iddispjaċut, ton li qed jitlob kważi l-ħniena, ton li bih qed jisprimi ċerta sogħba. F'ebda mument matul dawn il-kelmiet ma nstema' xi ton ta' bniedem li qed jhedded. Tassew li Dr.Farrugia xehed li l-mod kif kellmu bih l-imputat kien ta' wieħed 'who means business'. Minħabba s-sehem attiv li kellu Dr Farrugia fil-kwistjoni wieħed jifhem li kull kelma li ħarġet minn fomm l-imputat, għal Dr.Farrugia, kienet daqqa ta' stallett dato l-istat **suġġettiv** ġustifikat li kien fih Dr Farrugia. Iżda l-Qorti tista' tiżen

biss dak li jeżisti **oġġettivament** taħt forma ta’ kliem u ta’ ton u xejn iżjed..

79. Dwar il-ġesti, il-Qorti, fl-assenza ta’ video jew filmat, ma tistax tiġbed konklużjonijiet għalkemm mit-ton tista’ xi ftit timmaġina l-espressjoni tal-wiċċ.

80. Dwar il-kuntest, il-Qorti m’għandhiex dubju minn dak li xehed Dr Farrugia u minn dak li qal l-imputatg fl-istqarrija tiegħu li t-tnejn kienu qed jirreferu għal dak li ntqal fil-Parlament. Filfatt l-imputat qal li huwa kien ċempel lil Dr Angelo Farrugia wara li kien issemma l-għoti tal-kuntratt tat-tindif tal-Qorti fuq is-Super One. L-imputat qal:

*‘Ħassejt li offendieni bil-kliem li qal. Jien meta ċempiltlu m’offendejtux. Ridt biss ngħidlu biex iħallini u lill-familja tiegħi bil-kwiet.’ (fol 24).*

81. S’intendi dan huwa l-‘kuntest’ li tista’ tieħu l-Qorti u mhux il-‘kuntest’ aktar dejjaq li tagħżel il-Lingwistika. Dan ma tistax tieħdu għaliex it-telefonata hija qasira wisq u m’hemmx retroxena ta’ qabel jew ta’ wara.

82. Dr.Angelo Farrugia qata’t-telefonata mill-ewwel għax deherlu li dak kien l-aħjar fis-sitwazzjoni biex ma jkomplix jisma’.

83. Iżda l-Qorti ma tistax tispekula x’seta’ ntqal wara mill-imputat li kieku Dr.Farrugia ħalla t-telefonata sejra. **Għalhekk il-Qorti qed tillimita ruħha għal dak li nġab bħala prova.**

84. Il-Qorti qed tiddeċiedi li l-Prosekuzzjoni ma ġabitx prova ċara biżżejjed li l-kliem użat fit-telefonata kien jammonta għal theddida kontra Dr.Angelo Farrugia. **Għalhekk il-Qorti qed tillibera lill-imputat mit-tielet imputazzjoni.**

**L-Allegat theddid kontra Dr.Jose’ Herrera.**

85. Fil-konfront ta’ Dr Jose’ Herrera s-sitwazzjoni hija differenti. L-imputat innega li kien hedded lil Dr Jose’

Herrera u fl-istqarrija qal li huwa kien kellem lil Dr Herrera sempliċiment biex jgħid lil mara tal-imputat fejn kien il-Monti (di Pieta') biex tirhan id-deheb.'

86. Frankament il-Qorti ma temminx il-verżjoni tal-imputat. Aktar temmen il-verżjoni li ta Dr Herrera li l-imputat baqa' jinsisti li jkellmu (jiġifieri jkellem lil Dr Herrera) huwa u dan kien ħiereġ mill-Awla. Tassew li hawnhekk l-imputat jidher li kien semma' li kien jonqsu xahrejn biss biex joħroġ mill-Faċilita' Korrettiva ta' Kordin. Skond l-Avukat Dr.Montaldo, dan il-kumment instema' **darbtejn**. Iżda dan il-kumment sar f'kuntest kien il-colmo ta' serje ta' tgergir minn taħt fid-direzzjoni ta' Dr Jose' Herrera. Il-Qorti wiżnet il-kelmiet 'xahrejn biss', il-mod kif l-imputat baqa' sa ġibed lil Dr Herrera lejh huwa u ħiereġ mill-Awla u l-implikazzjonijiet tagħhom. F'atmosfera newtrali l-frażi ma tista' tfisser xejn. Iżda lingwistikament l-eżerċizzju jitlob li wieħed jixtarr il-kuntest li huwa deskritt bħala wieħed ta' rabja minn Dr Herrera nnifsu, anzi l-imputat kien mgħowi għalih. Għalhekk il-kliem 'xahrejn biss' kienu fil-kuntest jimplikaw li ġaladarba l-imputat joħroġ mill-Faċilita' Korrettiva ta' Kordin, iridu jsir l-kontijiet mal-Avukat Herrera..

Il-Qorti eżaminat ukoll ir-reazzjoni ta' Dr Herrera kif ukoll li trid tifhem xi ħaġa aktar mill-kliem għaliex il-bnedmin ma jikkomunikawx bil-kliem biss. Din is-silta qasira mir-rumanz ta' Paulo Coelho tissintesizza dan kollu:

*'When he had gone only a short distance, he realised that, while they were erecting the stall, one of them had spoken Arabic and the other Spanish.*
*And they had understood each other perfectly well.*

*There must be a language that doesn't depend on words, the boy thought. I've already had that experience with my sheep, and now it's happening with people.' (The Alchemist – Paulo Coelho pge 45).*

Ikun żball jekk f'kas ta' theddid wieħed iqis il-kliem biss. Jista' jkun hemm theddid ukoll bla kliem.

Dr.Herrera kien għamel mistoqsija parlamentari dwar l-għoti tal-kuntratt tat-tindif u l-kumpanija li fiha l-imputat kellu interess tilfet dan il-kuntratt. Dr Herrera qagħad ħafna attent x'jgħid taħt ġurament:

*'Jien baqagħli ftit il-ħabs u speċi ta' qtiltli l-familja bil-ġuħ u kliem fis-sens li trid tpatti għal dak li għamilt.' (fol 31).*

(a) Diġa' kien hemm l-ewwel element tar-reat kontemplat fl-artikolu 251B. – L-imġiba tal-imputat bit-tgergir u bl-insistenza li jkellem lil Dr. Herrera bilfors.

(b)Dan il-kliem u l-imġiba jnisslu biża' fil- persuna. Dan huwa t-tieni element tal-artikolu 251B.

(ċ) U din ix-xi ħaġa ser tiġri lill-persuna innifsiha hija t-tielet element.

(d) L-imputat kien jaf jew missu kien jaf li bi kliemu qed iqanqal biża' fl-imputat.
Mis-sena 2005, jiġifieri minn meta kien introdott l-artikolu 251B tal-Kap 9, il-Leġislatur ipprovda artikolu differenti mill-artikolu 249 li kien jirrikjedi xi kitba jew xi ordni (f'każ ta' theddida verbali).

87. Meta qieset iċ-ċirkostanzi tal-każ, Membru tal-Parlament li għamel Mistoqsija Parlamentari u l-kliem li ntqal direttament lil dan l-istess Memebru tal-Parlament kif ukoll id-dispożizzjoni ġdida li ddaħħlet fis-sena 2005, il-Qorti qed tikkondkludi li l-imputat tassew hedded lill-imputat b'mod serju u lil hinn mill-kontravenzjoni kkontemplata fl-arftikolu 339(1)(e) tal-Kap 9 aktar u aktar meta wieħed iqis il-pożizzjoni tal-persuna li tkun mhedda. **Għalhekk il-Qorti qed issib lill-imputat ħati tal-imputazzjoni numru 7.**

**L-imputazzjoni dwar l-artikolu 249(2)**

88. Wieħed mill-elementi ta' dan l-artikolu huwa li wieħed jagħti ordni jew jagħmel kundizzjoni lil ħadd ieħor tat-theddida.

89. Mill-provi ma jiriżulta minn imkien li l-imputat għamel xi ordni jew xi kundizzjoni lil Dr.Farrugia jew lil Dr.Herrera.

**Ghalhekk, ghal din ir-raguni wkoll, (barra dik imsemmija fil-paragrafu 58) il-Qorti qed tillibera lill-imputat mit-tieni u mis-sitt imputazzjoni.**

## L-Imputazzjoni tar-Reċidiva

90. Din l-imputazzjoni tinsab ampjament ippruvata għaliex kienet ippreżentata sentenza u fil-konfront tal-imputat u kien hemm dikjarazzjoni tad-difiża li ma kienx hemm bżonn li l-identita' tal-imputat tkun ippruvata. Għalhekk il-Qorti qed issib lill-imputat ħati tal-imputazzjoni jew addebitu numru 8.

## Konklużjoni

91. Stante dak li ntqal – b'mod speċjali, li l-Membru Parlamentari m'għandux jitqies bħala uffiċjal pubbliku ai termini tal-artikolu 92 tal-Kap 9; li l-imputazzjoni dwar l-użu tat-tagħmir tal-apparat tat-telekomunikazzjoni ma tapplikax għall-fatti ta' dan il-każ; li t-telefonata magħmula lil Dr Farrugia ma tammontax għal theddida waqt li l-kliem li ntqal dirett lil Dr Herrera jammonta propju għal theddida; u li ma saret ebda ordni jew kundizzjoni min-naħa tal-imputat- il-Qorti, wara li rat l-artikoli 49, 50, 51, 95(1), 249(2), 251(B)(1) tal-Kap 9 u 35(1)(d) tal-Kap 399 tal-Liġijiet ta' Malta qed issib lill-imputat ħati tal-imputazzjoni numru 7 (fil-konfront ta' Dr.Herrera) u tal-imputazzjoni numru 8 (ir-reċidiva) u qed tilliberah mill-ewwel, mit-tieni, mit-tielet, mir-raba', mill-ħames u mis-sitt imputazzjoni.

92. Dwar il-piena, Dr Herrera stqarr li huwa kien (a) soddisfatt bl-appoġġ tal-kamra tad-deputati u mill-aspett politiku dan għalih kien biżżejjed; u (b) l-familjari tal-imputat kienu qalulu li dak li ntqal kien fis-saħna tal-mument (ara fol 33) u li l-imputat ma kellu ebda intenzjoni li jagħmillu l-ħsara; u (ċ) li hu m'għandu xejn affattu kontra l-familja tal-imputat; (d) li l-istess Dr Herrera iddeċieda li

ma jagħmilx il-kwerela bil-miktub għalkemm kien diġa’ nforma lill-Ispettur dwar x’ġara.

93. Il-Qorti qed tieħu in konsiderazzjoni li l-Membri Parlamentari m’għandhomx ikun mhedda fil-qadi ta’ dmirijiethom u li l-imputat huwa reċidiv.

94. Għalhekk il-Qorti, qed tikkundanna lill-imputat piena ta’ prigunerija ta’ tliet xhur.

95. Il-Qorti qed toħroġ Ordni ta’ ta’ Ħarsien skond l-artikolu 412C tal-Kap 9 li biha l-imputat huwa prekluż li jersaq lejn Dr Jose’ Herrera għal sitt xhur.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------